DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/496

tal-21 ta' Marzu 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/172/PESK [1] dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu.

(2) Abbażi ta' reviżjoni tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġġeddu sat-22 ta' Marzu 2018.

(3) Jenħtieġ li jiġu emendati d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet għal sitt persuni elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/172/PESK. Jenħtieġ li tiġi aġġornata l-informazzjoni ta' identifikazzjoni dwar persuna elenkata waħda.

(4) Jenħtieġ li żewġ persuni ma jibqgħux jinżammu fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/172/PESK.

(5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/172/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2011/172/PESK hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5, it-tieni paragrafu huwa sostitwit minn dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-22 ta' Marzu 2018.".

(2) L-Anness huwa emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

E. SCICLUNA

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU L 76, 22.3.2011, p. 63).

ANNESS

I. Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/172/PESK l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li jidhru hawn taħt għandhom jiġu ssostitwiti bl-entrati li ġejjin:

	Isem (u kwalunkwe psewdonimu)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-dežinjazzjoni
1.	Mohamed Hosni Elsayed Mubarak	Eks-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 4.5.1928 Raġel	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misappproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni
2.	Suzanne Saleh Thabet	Mart is-Sur Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, eks-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 28.2.1941 Mara	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misappproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni
3.	Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak	Bin is-Sur Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, eks-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 26.11.1960 Raġel	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misappproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni
4.	Heidy Mahmoud Magdy Hussein Rasekh	Mart is-Sur Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, bin l-eks-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 5.10.1971 Mara	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misappproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni
5.	Gamal Mohamed Hosni Elsayed Mubarak	Bin is-Sur Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, eks-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 28.12.1963 Raġel	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misappproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni
6.	Khadiga Mahmoud El Gammal	Mart is-Sur Gamal Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, bin l-eks-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 13.10.1982 Mara	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misappproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni
8.	Abla Mohamed Fawzi Ali Ahmed Salama	Mart is-Sur Ahmed Abdelaziz Ezz Data tat-twelid: 31.1.1963 Mara	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji mill-awtoritajiet Eġizzjani fir-rigward tal-misappproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni

II. Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin huma mħassra:

16. Jaylane Shawkat Hosni Galal Eldin,

17. Amir Mohamed Zohir Mohamed Wahed Garrana.